**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt
FAX: 21665566

# AĠENDA

**Seduta Nru:** 21 / 15

Ser issir Seduta tal-Kunsill Lokali nhar il- Hamis 10 ta' Settembru 2015 fil-5:00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali b'din l-Aġenda;

1. Qari tal-Minuti;
2. Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Ħwejjeġ li jirriżultaw mill-Minuti;
4. Korrispondenza
5. Komunikazzjoni tas-Sindku
6. Mistoqsijiet u Interventi mill-Kunsilliera
7. Awtorizazzjoni għax-xiri ta' oġġetti / servizzi;

Elaine Caruana
Seg Eżekuttiv

Is-Seduta miftuħa għall-attendenza tal-Pubbliku

---

Speranza Chircop – Sindku, Christopher Bruno – Viċi Sindku, Maria Sultana, Paul Bongailas, Vincent Bongailas – Kunsilliera. Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv.

# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330

TEL: 21665500

email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 20-15

**Data:** 16 ta' Lulju 2015

**Hin:** 5:00 pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Maria Sultana - Kunsilliera
Sur Vincent Bongailas – Kunsillier

Michela Zammit- Ambaxxatriċi giet skuzata minhabba ragunijiet personali

## MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

## 1. QARI TAL-MINUTI

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Ġunju 2015.

3.4 Punt 6.3 mill-minuti preċedenti: il-Kunsilll ser ikun qiegħed iġib approvazzjoni minn TM biex jinħolqu żewġ parkeġġi oħra fi Triq Sptar Navali kif ukoll titbaxxa il bankina biex karozza titla komda u jitwaħħlu 'U bars' fil-passaġġ għal użu tar-residenti.

## 4. Korrispondenza:

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' 'Zebra Cross fl-inħawi ta' Triq il-Kapuċċini, fil-viċinanzi tal-Knisja.

Il-Kunsilliera kollha qablu mas-suġġeriment tas-Sur Pawlu Bongailas illi iż-'Zebra Cross' għandha tiġi implementata aktar viċin il-Mużew eżattament fejn diġa hemm 'Traffic Calmer' minħabba il-fatt illi l-post issuġerit minn TM mhuwiex wieħed tajjeb fuq is-sitwazzjoni ta' dawk l-inħawi.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar talba ta' resident biex in-naħa tax-Xatt tal-Kalkara tiġi mibdula f'parkeġġi biss għar-residenti.

Din it-talba qiegħda tiġi miżmuma sakemm tinġieb informazzjoni mis-Seg.Eżek. Fuq jekk il-parkeġġi restritti għal residenti biss humiex legali.

4.3 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar żewġ talbiet differenti mingħand residenti biex jiġu implementati 'Traffic Calmers' fi Triq Rinella kif ukoll fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

Il-Kunsill oġġezzjona għal dawn it-talbiet minħabba il-fatt illi 'Traffic Calmers' mhumiex is-soluzzjoni għal sewqan eċċessiv f'dawn iż-żewġ każijiet imsemmija hawn fuq l-iktar fi Triq Rinella fejn diġa hemm ħafna ilmenti minn għand residenti ta' l-inħawi biex jiġu imneħħija minħabba l-istorbju li jisimgħu minn darhom meta karozza tgħaddi minn fuqhom.

4.4 Fuq talba tar-residenti ta' l-inħawi tal-'Married Quarters' il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiżdiedu is-sinjali mat-Triq kif ukoll żebgħa ma' l-art minħabba il-periklu li hemm f' din l-area għan nies li jgħaddu bil mixi

5.2 Is-Sindku infurmat il-Kunsill illi bħal kull sena il-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb jipprepara l-avviżi dwar l-injection ta' l-influwenza għan nies tal lokalita'. Dawn l-avviżi jiġu ippublikati il-Parroċċa , fuq il-paġna tal-'Facebook' kif ukoll fuq in-'Notice Boards' tal- Kunsill. Għandhom jinħarġu ukoll 'leaflets' ta' informazzjoni fuq din l-injezzjoni f'kull residenza.

5.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ħarġa li ser tkun qed tiġi organizzata minna f'isem il-Kunsill għal familja kollha ġewwa Għawdex aktar tard fix xahar ta' Settembru 2015.

5.4 Is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar żewġ korsijiet li ser ikunu qegħdin jiġu organizzati f'isem il-Kunsill Lokali dwar is-suġġetti imsemmija hawn taħt:

- Line Dancing Classes li ser ikunu qegħdin jibdew f'Settembru 2015 ġewwa l-iskola Primarja.

- Aroma Therapy – li ser ikun qed jibda f'Ottubru 2015 ġewwa iċ-Ċentru Parrokjali tal-Kalkara

Ser ikunu qegħdin jinħarġu il-Posters ta' informazzjoni dwar dawn il-korsijiet bħas soltu aktar tard fix-xahar ta' Awwissu għal informazzjoni tar-residenti.

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 *__Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti__*

**a.** Is-Sur Chris Bruno talab lill Kunsill biex isiru ir-refreshing tal-linji sofor ġewwa Triq il-Kapuċċini, il-biċċa fejn tinżel għax-Xatt.
**b.** Is-Sur Chris Bruno talab li titwaħħal mera fi Triq il-Missjoni Taljana faċċata ta' Triq il-Luqqata minħabba id-diffikulta li qed ikollhom sewwieqa biex joħorġu minn din it-Triq stess.
**c.** Is-Sur Bruno informa lill Kunsill dwar konversazzjoni informali li kellu maċ-Chairman tal-MCST, Is-Sur Jeffrey Pullicino Orlando rigward possibilita li issir ATM ġewwa il-Pjazza li ser tkun tagħmel parti mill-Proġett Esplora fil-futur qarib. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jibgħat ittra formali b'din ir-rikjesta / suġġeriment.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**